MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 270/2002

Il-Pulizija
(Spettur J. Mercieca)
Vs
Christopher Cachia

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar t'Awissu 2002 f'dawn il-Gzejjer, naqas illi jaghti s-somma ta' LM125 bhala manteniment lil martu u dan kif obbliga ruhu li jaghmel permezz ta' digriet 1763/2001 moghti mill-Onorabbli Qorti Civili Sekond'Awla.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 t'Ottubru, 2002 li biha wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal ammenda ta' ghoxrin lira Maltin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 Ta' Novembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull piena w imputazzjoni w htija.

Semghet lill-kwerelanti w lill-appellant fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 2003;

Rat il-verbal redat f'dik l-istess seduta li bih l-appellant kien obbliga ruhu li sal-ghada 24 ta' Jannar, 2003 ihallas somma f'kontanti ta' LM250 biex ikopru l-pagament t'Awissu 2002, mertu ta' dan l-appell kif ukoll il-pagament li ghalaq fl-4 ta' Jannar, 2003, u fejn il-partijiet qablu li l-pagament li sar f'Awissu 2002 permezz ta' depozitu f'kont bankarju sekwestrat, kellu jitqies, una volta li jsir il-pagament fuq imsemmi, bhala pagament indebitu u ghalhekk dan l-ammont ghandu jigi akkreditat lill-appellant f'kull divizzjoni eventwali tal-komunjoni tal-akkwisti;

Rat li fis-seduta tal-lum irrizulta li fil-fatt dan il-pagament issa sar u dan minghajr pregudizzju ghall-aggravju tal-appellant li hu kien gja hallas l-ammont in kwistjoni b'depozitu dirett fil-kont bankarju ta' martu li rrizulta sekwestrat;

Ikkunsidrat :

Qiest li fil-fatt il-pagament kien sar a tempo debito, sija pure f'kont bankarju tal-istess martu li kien sekwestrat, u li llum bil-pagament gdid in kontanti, Doreen Cachia iddikjarat li hija pjenament sodisfatta u li l-pagamenti kollha tal-aliment dovuti ghall-binha minuri huma aggornati w ghalhekk ghal dak li jinteressa lilha l-kwerela kienet qed tigi irtirata, u f'kull kaz li hemm zball fl-akkuza fejn jinghad illi l-ammont kien dovut lil martu bhala manteniment meta mhux hekk il-kaz ghax fil-fatt kien dovut ghat-tifel minuri, u ghalhekk l-appell jidher gustifikat;

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata.

---------------------------------TMIEM---------------------------------